MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1178/2003

**Middle Sea Insurance plc u b'digriet tal-4 ta' Lulju 2003 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens li fejn hemm indikat isem l-attur, wara l-kelma 'plc' ghandhom jidhlu l-kliem 'hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assilurat taghha Stephen Rausi"**

**vs**

**Brian Talbot**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm690.22) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehhh fid-29 ta' Dicembru 2000 fi Triq il-Missjoni Taljana, il-Kalkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAS 508 misjuqa mill-

konvenut u l-vettura BBE 657 misjuqa minn Emanuel Mifsud u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici Stephen Rausi. Is-socjeta' attrici kellha taghmel tajjeb ghal dawn id-danni taht ppolza 'comprehensive'.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 23 ta' Dicembru 2002 u tal-ittra ufficcjali prezentata konteswalment mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-|Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-daata tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Rispsosta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Il-preskeizzjoni ai termini tal-Artikoli 2153 u 2154(1) tal-Kap. 12.
2. It-talbiet attrici huma nfondati stante li ghall-incident stradali 'de quo' ma kienx jahti l-eccippjent.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra d-digriet tal-4 ta' Lulju 2003 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens illi fejn hemm indikat isem l-attur wara l-kelma 'plc' ghandhom jizdiedu l-kliem 'hekk kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Stephen Rausi'.

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fejn giet irtirata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnu sollevata.

Sema' x-xhieda ta' Rosette Calafato, ta' Emanuel Mifsud u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac--cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Dicembru 2000 fi Triq il-Missjoni Taljana, il-Kalkara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBE 657 misjuqa minn Emanuel Mifsud u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAS 508 misjuqa mill-konvenut.

Emauel Mifsud xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vetttura bin-numru tar-registrazzjoni BBE 657 fi Triq

il-Missjoni Taljana, il-Kalkara, kien miexi bil-moghod peress li kien qed ifittex dar li kienet tinsab f'dik it-triq u waqt li kien qed jipprocedi bil-mod imsemmi hass daqqa fuq wara. Huwa fil-fatt kien gie milqut mill-konvenut li kien qed isuq warajh. Dan ix-xhud jispjega li wara l-incident il-konvenut skuza ruhu mieghu u qallu li kien ghadu gej minn 'party'. Huwa qal ukoll li l-"Front to Rear Form' (a fol. 20) giet iffirmata miz-zewg partijiet u li spjegalhom kif jimlewha s-surgent tal-pulizija.

Il-konvenut jaghti verzjoni pjutttost konfuza dwar kif sehh l-incident. Huwa jammmetti li baqa' diehel fil-vettura ta' Mifsud minn wara izda jsostni wkoll li dan gara minhabba persuna li kienet qed taqsam it-triq. Huwa jghid li nduna b'din il-persuna li riedet taqsam it-triq, din il-persuna bdiet taqsam u waqfet f'nofs tat-triq, huwa ghalhekk telaq saqaj minn fuq il-pedala tal-gas izda meta ra lil din il-persuna wieqfa f'nofs it-triq huwa rega' ghafas il-pedala tal-gas u malli ghamel hekk din il-persuna qasmet.. Il-konvenut ghalhekk jghid li kiser lejn il-lemin sabiex jevita lil din il-persuna,, il-persuna li kienet qed taqsam indunat li ma kienetx ser tilhaq taqsam it-triq u ghalhekk regghet daret lura u huwa kiser lejn ix-xellug ghal gol-bankina u biex jevita l-bankina rega' kiser lejn il-lemin u sab il-vettura ta' Mifsud wieqfa quddiemu u dahal fiha.

It-Triibunal jiddikjara li ma jistghax jifhem ghalfejn il-konvenut qieghed jikkontesta ir-responsabilita' ghall-incident 'de quo'. Il-verzjoni minnu moghtija dwar kif sehh l-incident m'hijiex kredibbli. Huwa ma jichadx li baqa' diehel fil-vettura ta' Mifsud minn wara u jipprova jsib skuzanti billi jghid li huwa kien qed jipprova jevita persuna li kient qed taqsam it-triq. Irid jigi rilevat li 'a tempo vergine' u cioe' immedjatament wara l-incident huwa qatt ma semma' lil din il-persuna li kient qed taqsam. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Emanuel Mifsud u anki mill-'Front to Rear Form' fejn fis-sezzjoni numru 12 fejn hemm indikat 'Trid izzid xi haga ohra?' huwa naqas milli jaghmel referenza ghall-istorja pjuttost konfuza tal-persuna li kienet qed taqsam it-triq. It-Triibunal jidhirlu li li kieku din l-istorja tal-persuna qed taqsam kienet veritjiera, l-konvenut kien isemmiha fil-'Front to Rear Form' u dan jinghad anki

fid-dawl tal-fatt li l-partijiet kienu assistiti mis-Surgent tal-Pulizija meta mlew il-'Front to Rear Form'.

Fil-fehma tat-Tribunal l-incident awtomobilistiku tad-29 ta' Dicembru 2000 sehh unikament tort tal-konvenut li ma zammx id-distanza adegwata mill-vettura li kienet quddiemu.

Il-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz is-socjeta' attriici esebiet id-debiti ricevuti in sostenn tat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm690.22), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-23 ta' Dicembru 2002 u dawk tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu soppportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------